MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 328/2000/1

**Victor Schiavone u Margaret Schiavone.**

**-vs-**

**Salvino Vella u b' digriet tat-30 ta' Novembru, 2000 Dr. Martin Fenech u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-assi tal-mejjet konvenut Salvino Vella u Carmela Vella u b' digriet tas-16 ta' Jannar, 2002 Dr. Chris Cilia u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi in rapprezentanza tas-sidien mhux maghrufa.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-21 ta' Frar, 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' garage u kantina tahtha f'203, Victory Street, Senglea u l-konvenuti huma proprjetarji ta' dar bin-numru 204, Victory Street, Senglea, liema dar tinsab fuq il-garage tal-atturi.

Illi l-konvenuti kienu ghamlu zmien twil jghixu f'din id-dar 204, Victory Street, Senglea izda 'l fuq minn ghaxar snin ilu huma telqu minnu u abbandunawh kwazi kompletament.

Illi l-post 204, Victory Street, Senglea baqa' mitluq b'mod u manjiera li s-soqfa u l-post in generali bdew jaqghu bicca bicca.

Illi s-sena l-ohra l-atturi bdew jaraw li l-posizzjoni kienet ddetorjat tant li dan setgha jwassal li s-soqfa ta' fuq dan il-garage u kantina jaqghu u f'dan id-dawl b'ittra interpellatorja datata 11 ta' Novembru 1999 u ohra tat-23 ta' Novembru 1999 (Dokument ADD) l-atturi talbu lill-konvenuti jersqu ghat-tiswijiet necessarji.

Illi ghal dawn l-ittri l-konvenuti wiegbu b'ittra datata 2 ta' Dicembru 1999 (Dokument ABB) li huma ser jiehdu l-passi opportuni.

Illi sfortunatament ebda pass ma lahaq sar u fit-28 ta' Dicembru 1999 gara li s-saqaf ta' fuq waqa' kompletament fuq il-garage u kantina tal-atturi bi hsara kbira.

Illi fl-imsemmi garage l-atturi kellhom l-ewwel numru ta'

ghodda u oggetti li hafna minnhom tkissru irrimedjabilment bl-imbarazz u materjal li waqa' minn fuq u li jinsab issa hemm u t-
tieni huma kien jipparkeggjaw l-vettura taghhom li issa ma jistghux jdahhlu aktar hemm.

Illi ghalhekk hemm bzonn li dan il-post jigi debitament msewwi sabiex jerga' jigi ripristinat fi stat tajjeb u li jigu likwidati d-danni kagunati u ghalhekk qeda tigi presentata l-odernja citazzjoni.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li partijiet mill-post 204, Victory Street, Senglea waqa' fuq il-proprjeta' tal-atturi 203, Victory Streer, Senglea minhabba li l-post 204 gie bi traskuragni, u negligenza mill-konvenuti u ghalhekk b'tortijiet imputabbli kompletament lilhom.

2. Tillikwida l-hsarat kagunati u tikkonstata t-tiswijiet li jridu jsiru okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi.

3. Tordna li l-konvenuti fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Qorti jnaddfu kompletament l-garage numru 203, Victory Street, Senglea u l-kantina taghha minn kull imbarazz u materjal li waqa' minn fuq bit-tkissir kagunat.

4. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Qorti sabiex isewwu u jqedhu fl-istat pristinu l-imsemmi garage 203, Victory Street, Senglea u l-kantina taghha.

5. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata bhala l-ammontanti tad-danni u hsarat li huma sofrew minhabba dan in-nuqqas.

6. Tawtorizza lill-atturi sabiex jekk kemm-il-darba l-konvenuti jonqsu mill jaghmlu t-tindif u t-tiswijiet necessarji jkun jistghu jwettqu dawn a spejjes tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjes l-konvenuti mharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-3 ta' April, 2000 li permezz taghha l-konvenut Salvino Vella ecepixxa:

1. Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante illi l-konvenuti ndikati m'humiex l-unici proprjetarji tal-fond bla isem maghruf bhala numru 204, Victory Street, Senglea.

2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-intempestivita' tac-citazzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut Salvino Vella stante d-dispozizzjoni tieghu fl-ittra citata mill-istess atturi datata t-2 ta' Dicembru, 1999.

3. Illi l-azzjoni odjerna hija insostenibbli stante illi minn banda qeghdin jitolbu r-riparazzjoni tal-fond 203, u fl-istess nifs il-likwidazzjoni tad-danni.

4. Illi t-tielet (3) talba attrici hija insostenibbli stante illi l-garaxx in kwistjoni m'huwiex proprjeta' tal-konvenuti u kwalunkwe ordni biex huma jaghmlu xoghlijiet jew tindif fih irid ikun precedit minn awtorizzazzjoni debita.

5. Illi l-hames (5) talba attrici hija insostenibbli stante illi ma tispecifikax liema nuqqas qed jirreferu ghalih.

6. Illi zgur ma jistax ikun il-konvenut responsabbli ghall-danni ta’ hsara fuq oggetti sitwati fil-garaxx in kwistjoni meta l-atturi stess qeghdin jiddikjaraw illi kienu jafu minn qabel bil-hsara li kien hemm.

7. Illi ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni pretiz mill-atturi u d-domandi tal-atturi ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-3 ta’ April, 2000 li permezz taghha l-konvenuta Carmela Vella ecepixxiet:

1. Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante illi l-konvenuti ndikati m’humiex l-unici proprjetarji tal-fond bla isem maghruf bhala numru 204, Victory Street, Senglea.

2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-intempestivita’ tac-citazzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenuta Carmela Vella stante d-dispozizzjoni ta’ Salvino Vella fl-ittra citata mill-istess atturi datata t-2 ta’ Dicembru, 1999.

3. Illi l-azzjoni odjerna hija insostenibbli stante illi minn banda qeghdin jitolbu r-riparazzjoni tal-fond 203, u fl-istess nifs il-likwidazzjoni tad-danni.

4. Illi t-tielet (3) talba attrici hija insostenibbli stante illi l-garaxx in kwistjoni m’huwiex proprjeta’ tal-konvenuti u kwalunkwe ordni biex huma jaghmlu xoghlijiet jew tindif fih irid ikun precedit minn awtorizzazzjoni debita.

5. Illi l-hames (5) talba attrici hija insostenibbli stante illi ma tispecifikax liema nuqqas qed jirreferu ghalih.

6. Illi zgur ma jistax ikun il-konvenut responsabbli ghall-danni ta’ hsara fuq oggetti sitwati fil-garaxx in kwistjoni meta l-atturi stess qeghdin jiddikjaraw illi kienu jafu minn qabel bil-hsara li kien hemm.

7. Illi ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni pretiz mill-atturi u d-domandi tal-atturi ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jaghmlu diversi talbiet wara li proprjeta’ taghhom giet dannegjata in segwitu ghall-kollass ta’ saqaf li jigi sottostanti proprjeta’ tal-konvenuti. Ma gietx kontradett illi l-konvenuti naqsu li jiehdu hsieb isewwu hsarat li kien hemm b’rizultat illi f’Dicembru 1999 ikkrolla s-saqaf bir-rizultati li jidhru sew fir-ritratti li gew esebiti mill-atturi. Il-perit Joseph Cassar bhala perit ex parte ikkonferma dan. Billi kif gia inghad ma gie kontradett xejn it-talbiet tal-atturi huma gustifikati. Kwantu ghad-danni ma giex kontradett lanqas li l-atturi sofrew danni ta’ cirka sitt elef lira (affidavit tal-engineer Schembri [a fol 48 tal-process]). L-unika talba li l-Qorti ma tistax taccedi

ghaliha hija li tikkundanna lill-konvenuti ghall-ispejjes li ghad iridu isiru stante li dawn la jistghux jigu likwidati a priori,
nonostante l-istima li ghamel il-perit Cassar, una volta l-atturi se jigu awtorizzati jaghmlu dak li hemm bzonn a spejjes tal-konvenuti.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-atturi u:**

**1. tiddikjara li l-partijiet mill-fond 204, Victory Street, Senglea waqa' fuq proprjeta' tal-atturi 203, Victory Street, Senglea minhabba negligenza tal-konvenuti,**

**2. tillikwida d-danni ghall-ammont ta' sitt elef Lira (Lm6,000),**

**3. tordna lill-konvenuti biex fi zmien xahar inaddfu kompletament il-garaxx numru 203, Victory Street, Senglea u l-kantina taghha minn kull materjal li waqa',**

**4. tordna lill-konvenuti biex fi zmien xahar isewwu u jqeghdu fl-istat pristinu l-imsemmi garage 203, Victory Street, Senglea u l-kantina taghha,**

**5. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm6,000 fuq imsemmija;**

**6. tawtorizza lill-atturi biex jekk il-konvenuti jonqsu milli jaghmlu t-tindif u tiswijiet necessarji jaghmlu dan huma spejjes tal-konvenuti, taht is-supervizjoni tal-AIC Rene Buttigieg.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuti fi kwoti ugwali bejnithom izda l-atturi ghandhom provizorjament ihallsu lill-kuraturi deputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------